**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA’ LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 103 – IT-TNEJN, 30 TA’ APRIL 2018 FIS-5.35PM**

Il-Kunsill iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 102**

1.1 Kien hemm żewġ korrezzjonijiet. Fil-paragrafu 6.3 għandha tidħol “bi skop ta‘ ġemellaġġ“. Fil-paragrafu 4.2 għandha tidħol “Is-Sinjura Joan Farrugia talbet biex jiġu kkunsidrati wkoll in-Nursery tal-Football wara is-suċċess li kisbu din is-sena“. Kien hemm qbil fuq dawn il-korrezzjonijiet.

1.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti mtella mill-Minuti 102**

2.1 Dwar paragrafu 4.3, is-Sur Dominic Cassar ippropona li ssir attività u għotja ta' tifkiriet lit-tfal, lil coaches u lin-nursery tal-U15 u U17. Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

2.2 Dwar paragrafu 6.1, il-Kunsill ġie nfurmat li x-xogħol fuq dan iċ-ċint għandu jsir fi żmien qasir.

2.3 Dwar paragrafu 6.2, qed nistennew risposta mid-DLG.

## 3 Pagamenti Numru 90

3.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Kien hemm qbil li ssir ittra ta' awgurju lill-Għaqda Piroteknika għas-suċċessi tagħhom fil-kompetizzjoni tan-nar.

## 5 Korrispondenza

5.1 Kien hem diskussjoni dwar talba għal un/loading fi Triq il-Kunċizzjoni kantuniera ma' Triq il-Kapucini. Kien hemm qbil unanimu li din ma tiġix aċċettata.

5.2 Kien hemm diskussjoni dwar talba għal un/loading fi Triq San Pawl. Kien hemm qbil unanimu li din ma tiġix aċċettata.

5.3 Kien hemm qbil unanimu li tinħareg No Objection għal talba biex issir Car Wash fi Pjazza Lourdes mill-Għaqda Piroteknika.

## 6 Affarjiet ohra

6.1 Is-Sur Dominic Cassar ilmenta li hemm advertising bollards li huma mkissrin. Għandu jsir komunikazzjoni mal-kumpanija biex dawn jitneħħew. Għandha tintbagħat reminder lil TM biex issir laqgħa f'San Ġwann dwar diversi issues bħal Triq Salvu Busuttil u z-zebra crossing fi Triq l-Istefanotis. Hu lmenta wkoll fuq zewg trailers abbandunati fi Triq il-Ġewża u Triq iċ-Ċawsli. Għandhom jinbdew l-proċeduri biex tinxtara camera biex tintuża f'diversi postijiet.

6.2 Is-Sinjura Marica Bayliss ipproponiet li ssir bozza ġdida fi Triq il-Ħarruba fil-parti bejn Vjal in-Naspli u Triq Buganvilla. Kien hemm qbil fuq dan.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.00pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 14 ta' Mejju 2018 fil-5.30pm.

________________________
**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

________________________
**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**